Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

Data tal-laqgħa: 27 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.08pm.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier MLB infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 14. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

15.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG il-minuti ġew approvati.

## 15.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

15.3.1.1 Para 14.3.3 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)
Is-Sindku infurma li għad m'hemmx risposta minn TM dwar din il-problema u għalhekk se jkun qed jikteb direttament lis-Sur Kurt Farrugia (CEO ta' TM).

15.3.1.2 Is-Sindku infurma li residenta minn dik iż-żona qed tibqa' tinsisti li dak l-ispazju jsir kaxxa bajda. Qalet li fil-passat dejjem kien isir *parking,* hemm problema kbira ta' parkeġġ u għalhekk ma tistax tifhem għalfejn il-Kunsill qed jagħżel li ma jieħux l-opportunità u jżid spazju ta' parkeġġ. Kif ġie diskuss fil-laqgħa li għaddiet, il-problema hi lit-triq hija dejqa u jekk iżżid parkeġġ se żżid il-problema biex joħorġu mill-garaxx.

15.3.2 Para 14.3.5 – Petizzjoni biex isir *Residential Parking Scheme* fi Triq il-Qarċilla
Ġiet innotata r-risposta tas-Sur Mario Fava (President tal-AKL) fejn ikkonferma li din l-iskema hija wieqfa. Infurma li bħala Assoċjazzjoni qed jiktbu regolarment lill-TM u minkejja lir-risposti jibqgħu negattivi, għadhom isostnu l-punt tagħhom għax jemmnu bis-sħiħ fil-prinċipju.

15.3.3 Para 14.3.7 - Talba biex il-*bollards* ta' quddiem il-Knisja jiġu irtirati ftit il'ġewwa
Is-SE infurmat lix-xogħol se jsir dalwaqt.

15.3.4 Para 14.3.1 – Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-Sindku infurma li ltaqa' mal-*electrician* u spjega li hu ta' periklu li tagħmel *wire* tiela' mas-siġra. L-*electrician* għandu jibgħat kwotazzjoni biex minflok isir dawl fis-siġar, isir dawl fil-bankina li jwaddab 'il fuq. Se nibgħatulu *reminder*.

15.3.5 Para 14.4.1 - PA/04765/25
L-oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni ġiet sottomessa.

15.3.6 Para 14.4.2 - Bankina fi Triq il-Kbira
Is-SE infurmat l-bankina ser tiġi rranġata b'mod temporanju nhar it-Tnejn.

15.3.7 Para 14.4.4 - *Telephone Box* fil-Pjazza
Is-SE infurmat lix-xogħol għadu ma sarx. Is-SE se tikkoordina mal-ħaddiema biex titqaxxar u tinżebagħ mill-ġdid bl-istess kulur aħmar.

## 15.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.4.1 Konferenza Stampa mir-Reġjun Tramuntana
Is-Sindku infurma li nhar is-Sibt li ġej se ssir Konferenza Stampa fejn se jiġu indirizzati l-*issues* relatati mal-ġbir ta' skart u *iBINS*. Is-Sindku se jkun preżenti għal din il-Konferenza Stampa.

15.4.2 *Community Police*

Is-Sindku infurma li din il-ġimgħa se jiltaqa' mal-persuna li kienet qed tieħu ħsieb wara li issa rritornat lura wara l-*maternity leave*.

15.4.3.1 <u>Servizz tal-Knis</u>

Is-Sindku infurma li flimkien mas-SE, din il-ġimgħa ltaqgħu mal-kuntrattur minħabba n-numru konsiderevoli ta' ilmenti li qed ikollna dwar dan is-servizz.

**F'dan il-ħin (5.26pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.35pm.**

15.4.3.2 Il-kuntrattur se jkun qed jipproponi skeda ġdida ta' kif se jkun qed jiknes it-toroq. Bħala Kunsill kien hemm qbil li nitolbu l-kuntrattur jibgħat l-iskeda proposta sal-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla u l-Kunsill se jkun qed josserva b'mod strett ħafna li tinżamm din l-iskeda u li jinżammu l-obbligi kollha li hemm miktub fil-kuntratt.

15.4.4.1 <u>Tisqija u qtugħ ta' ħaxix ħażin</u>

Is-Sindku infurma li s-sejħa għall-offerti ħarġet u ser tagħlaq fid-9 ta' Settembru 2025. Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-unika kwotazzjoni li rċeviet biex isir żbir, qtugħ ta' ħaxix ħażin u darba tisqija ta' xi żoni fil-lokalità. Il-kwotazzjoni li tammonta għal €4,450 (VAT eskluż) ma ġietx approvata għax finanzjarjament mhix vijabbli. Qed inġibu kwotazzjonijiet ta' tisqija bil-bowser.

15.4.4.2 Is-Sindku infurma li kien hemm ilment lis-siġar ta' Triq il-Kbira (faċċata ta' Wied Ħal Balzan) huma morda. Se nġibu kwotazzjonijiet biex dawn is-siġar jiġu trattati malajr kemm jista' jkun.

15.4.5 <u>Appell – Żvillupp tal-ex-Dolphin Centre</u>

Is-Sindku infurma li fit-30 ta' Settembru 2025 se jkun hemm is-smigħ tal-appell. Is-Sindku se jkun qed jattendi, fejn x'aktarx din is-seduta se tkun waħda deċiżiva.

15.4.6 <u>*Athleta Basketball Fundraising Event*</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-*Athleta Basketball Club* qed jitolbu permess biex jużaw spazju miftuħ biex fis-27 ta' Settembru jew fl-4 ta' Ottubru 2025 jorganizzaw attività ta' *fundraising*. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni biex l-attività ssir fil-pjazza ta' Triq l-Annunzjata.

15.4.7 <u>Attività Sportiva</u>

Is-Sindku infurma li xi żmien ilu kienu kellmuna l-Balzan FC, fejn kienu wrew ix-xewqa li xi darba ssir xi attività sportiva fl-*isports facilities* tagħhom. Il-Kunsilliera AG u ONDG se jkunu qed jaħdmu fuqha.

## 15.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

15.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

15.6.1 <u>*Tender for the Provision, Maintenance and Upkeep of Traffic Signs and Road Markings which maximise the lifespan whilst minimising associated environmental impacts for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 03/2025 - Aġġudikazzjoni</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 03/2025. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' B Grima and Sons Ltd u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 15.7 Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff u WEEE

15.7.1 Kif il-Kunsill diġà jaf bis-sitwazzjoni ta' dan is-servizz, fejn il-kuntrattur baqa' qatt ma wieġeb l-*emails* tal-Kunsill biex jinfurmana meta se jerġa' jibda jagħti s-servizz. Is-SE infurmat li wara li l-Kunsilliera approvaw (permezz ta' *email*) li jiġi tterminat il-kuntratt, bagħtet talba formali lid-DGL biex tinħareġ l-approvazzjoni. Is-SE infurmat lid-DGL approva li jiġi tterminat il-kuntratt, fejn immedjatament inħarġet sejħa ġdida għall-offerti.

15.7.2 Is-SE infurmat li sadanittant qed noperaw permezz ta' *Direct Order* fejn qed noffru servizz bażiku, fejn kemm jista' jkun jinġabru oġġetti goffi biss.

## 15.8 Skemi Finanzjarji

15.8.1 <u>SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa</u>
Is-SE fakkret li trid tiġi organizzata l-*Clean-up* għas-Sibt 13 ta' Settembru 2025. Il-Kunsillier AG li se tieħu ħsieb l-organizzazzjoni se tkun qed tagħmel operazzjoni u għalhekk kien hemm qbil li l-attività tiġi posposta.

## 15.9 Jum Ħal Balzan 2025

15.9.1 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill bil-preparamenti li qed isiru għall-attivitajiet relatati ma' Jum Ħal Balzan. Fl-attività tas-Sibt 25 ta' Ottubru 2025, l-artist prinċipali se jkun il-kantant Kevin Borg (5-*piece band*).

15.9.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri *roll-up banner* bl-emblema ta' Ħal Balzan u tar-Reġjun Tramuntana biex tibda tintuża fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

15.9.3 Kien hemm qbil ukoll li dawn l-attivitajiet jiġu iffinanzjati minn Skemi maħruġa mir-Reġjun Tramuntana.

## 15.10 Attivitajiet u Tiżjien għal żmien il-Milied

15.10.1 Is-Sindku talab li sal-laqgħa li jmiss inġibu kwotazzjonijet għat-tiżjin tat-toroq (bħas-sena l-oħra) bid-dwal tal-Milied.

15.10.2.1 <u>Wirja ta' Presepji</u>
Is-Sindku qal li grupp ta' żgħażagħ mil-lokal qed jitolbu biex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill issir wirja ta' presepji fil-Kappella ta' Triq it-Tliet Knejjes.

15.10.2.2 Il-Kunsill approva u qed jalloka *budget* ta' €700 biex issir bibita fil-ftuħ tal-Wirja, li se tiġi ffinanzjata mill-iSkema Finanzjara tar-Reġjun Tramuntana.

15.10.3.1 <u>Attività għal żmien il-Milied</u>
Is-SE infurmat li għad m'għandiex risposta mid-DGL dwar jekk ġietx approvata l-applikazzjoni għal Skema Finanzjarja biex issir attività fit-13 ta' Diċembru 2025.

15.10.3.2 Is-SE se tiċċirkola l-Pjan Finanzjarju tal-attività lill-Kunsilliera biex jiġi deċiż issirx mill-fondi tar-Reġjun, f'każ li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma tiġix approvata mid-DGL.

## 15.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

15.11.1 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-SE fakkret li rridu nibgħatu r-ritratti ta' Mons. Dun Ġwann Dimech lill-iskultur biex ikun jista' jaħdem il-bust.

15.11.2 Is-SE infurmat talbet kwotazzjonijiet għall-pedestall, fejn irrispondiet kumpanija waħda biss, li bagħtet kwotazzjoni ta' pedestall magħmul mill-franka u pedestall magħmul miż-żonqor. Qed jiġi ssuġġerit li l-pedestall isir taż-żonqor għax fih inqas manutenzjoni u jiflaħ aktar għall-elementi. Se nġibu kwotazzjoni oħra ta' pedestall tal-irħam.

## 15.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

15.12.1 <u>Applikazzjoni għal *extended remote working*</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tagħha biex iġġedded b'sena oħra, il-permess biex tkompli taħdem numru ta' siegħat fil-ġimgħa *remotely*. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni.

15.12.2.1 <u>Kwotazzjonijiet - Bandli</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għax-xiri u twaħħil tal-istruttura tal-bandli (inkluż 2 bandli) għax l-istruttura preżenti qed titmermer. Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' struttura kollha tal-metall ta' *Opal Malta*. Dan għax metall fih anqas manutenzjoni minn injam.

15.12.2.2 Sadanittant, kien hemm qbil li titneħħa l-istruttura preżenti, sabiex jitneħħa kull periklu li jista' jkun hemm.

15.12.3 <u>Kwotazzjoni biex issir grada qabel ma jibda t-taraġ tal-bandli</u>
Il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni ta' Christian Cacciattolo, li rċieva biex issir grada fil-bandli qabel ma jibda t-taraġ. Il-grada se tkun tista' tinfetaħ kollha f'każ li jkollna bżonn indaħħlu xi ħaġa kbira fil-bandli jew ikollna xi attività.

15.12.4 <u>Proposti - Mappa ta' Ħal Balzan</u>
Is-SE ressqet proposti li rċeviet minn għand kumpanija biex tinbidel il-mappa ta' Ħal Balzan li hemm fil-Pjazza. Se nġibu aktar dettalji dwar dawn il-proposti.

15.12.5.1 <u>Talba biex issiru *bollards* fejn Skarpoli</u>
Fil-laqgħa ta' Ġunju, resident kien talab li ssir *soft bollard* fejn Skarpoli biex ma jibqgħux jipparkjaw vetturi fuq il-bankina u jostakolaw ir-rampa tal-*wheelchairs* u *pushchairs*. Il-Kunsill ma kienx approva għax kienet se toħloq inkonvenjent lill-garaxx li hemm maġenb Skarpoli u bħala Kunsill issuġġerejna li ssir *yellow grid box* fuq il-bankina. Ir-resident irrapporta l-każ lis-CRPD u baqa' jinsisti li jsiru *bollards*. Saret laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti mis-CRPD, fejn issuġġerew li jsiru żewġ (2) *bollards* fuq il-bankina b'tali mod li jitħalla aċċess pedonali u aċċess lill-garaxx.

15.12.5.2 Il-Kunsill approva din it-talba u se napplikaw għal permess ma' TM. Il-*bollards* iridu jsiru b'tali mod li jitħalla aċċess adekwat lill-garaxx.

15.12.6 <u>Talba biex tbaxxi l-bankina – Triq it-Tliet Knejjes</u>
Residenta qed titlob il-permess tal-Kunsill biex għas-spejjeż tagħha, tbaxxi l-livell tal-bankina quddiem bieb ġdid li qed jinfetaħ (PA/2075/23). Dan biex tipprovdi aċċess adattat għas-siġġijiet tar-roti u l-bankina tiġi allinjata mal-livell ta' quddiem il-bieb tal-garaxx. Il-Kunsill approva.

15.12.7 <u>*Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Is-SE infurmat li l-HSBC ma jridux jibgħatu l-ħaddiema biex iwaħħlu t-tabella minħabba s-sid tal-ħanut li ma jridx li terġa' teħel. Kien hemm qbil li nieħdu parir legali biex naraw x'passi nistgħu nieħdu kontra sid il-ħanut.

15.12.8 <u>Tappiera ċċekċek fi Triq il-Kbira</u>
Il-Viċi Sindku infurma lit-tappiera ta' fejn l-ex-Dolphin Centre għadha ma ġietx irranġata. Se nerġgħu nibgħatu *reminder* lill-WSC.

## 15.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/25, li tinkludi l-ammont ta' €136.43c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2025.

15.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 15.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm.

15.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |